**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR RAPPORTI LI KIEN HEMM FIL-MEZZI TAX-XANDIR FIR-RIGWARD TA' ĦTIF TA' PERSUNA MALTIJA FIL-LIBJA**

Sur President, ħa nkun qed nagħmel Stqarrija Ministerjali, anke jekk id-dibattitu li ħa jkollna quddiemna ftit tal-ħin ieħor jokkupa suġġett simili. L-istqarrija ministerjali hija dwar rapporti li kien hemm fil-mezzi tax-xandir fir-rigward ta' ħtif ta' persuna Maltija fil-Libja. Nixtieq ngħid li ħa nkun qed naffronta din l-istqarrija ministerjali b'kawtela enormi, kawtela li toħroġ mid-delikatezza tas-sitwazzjoni. Nixtieq nati numru ta' fatti iktar milli kummenti dwar dak li ġara.

Il-Gvern kien infurmat nhar il-Ħadd li għadda, 20 ta' Lulju minn kollega imbagħad iktar tard minn mart il-persuna ndikata, li din il-persuna kienet inħatfet! Fi ftit tal-minuti bdew il-kuntatti, bdiet il-ħidma, kemm permezz tal-pulizija kif ukoll tas-servizz diplomatiku sabiex isir kuntatt ma' din il-persuna jew inkella mal-persuni li ħatfu lil din il-persuna li qed tiġi indentifikata fil-persuna tas-Sur Martin Galea. Sur President, irrid ngħid li l-ewwel prijorità tagħna hija li naraw li dan iċ-ċittadin Malti jkun jinsab b'saħħtu u l-ħajja tiegħu ma tkunx ipperikolata. Inżid ukoll li s-sitwazzjoni, mill-informazzjoni li għandna, li kienet delikata ħafna, li fil-mument li sar il-ħtif waqt *road block* ta' din il-persuna. S'issa, s-servizz diplomatiku u permezz tal-isforzi li saru fil-jiem li għaddew, hemm pożżitività li ġew identifikati l-fazzjoni tal-milizja partikolari li ħatfet lil din il-persuna. Saru wkoll kuntatti, kemm fuq livell politiku kif ukoll fuq livell tas-servizzi tas-sigurtà biex din il-persuna tkun tista' tinħeles. Nifhem, Sur President, il-kritika li tista' ssir li din l-aħbar ma ngħatatx pubbliċità, imma l-parir li għandna kien u għadu li inqas ma ssir pubbliċità lil dan il-każ huwa aħjar għas-saħħa ta' din il-persuna li għadu mhux f'pożizzjoni ta' *safety*. Ma nistawx nikkummentaw dwar il-pożizzjoni tiegħu. Hemm rapporti pjuttost persistenti li ġew konfermati lili wkoll ftit tal-minuti ilu, li l-persuna għadha ħajja. Imma, s-sitwazzjoni, iktar ma tkun qed tingħata pubbliċità iktar tista' tagħmilha diffiċli biex din il-persuna tinħeles; anke minħabba l-politika interna fi ħdan il-milizja li ħatfet lil din il-persuna.

Nagħlaq din l-istqarrija billi ngħid li, anke hawnhekk illum, se nkunu qegħdin naġixxu, konvint li ż-żewġ naħat se jkunu qegħdin jaġixxu b'responsabilità biex naraw li l-informazzjoni ma twassal bl-ebda mod beix tkun ippreġudikata sitwazzjoni f'pajjiż ġarr, *totally connected* mal-*internet* u li jkollna sitwazzjoni fejn, minħabba kelma u mhux oħra, inkunu qegħdin nipperikolaw is-sitwazzjoni ta' persuna.

Kif kien hemm l-offerta diversi drabi mill-Ministru għall-~Affarijeit Barranin, f'każ li n-naħa l-oħra tal-Kamra trid xi informazzjoni li aħna nħossu li f'dan il-mument m'għandhiex tkun pubblika, aħna nkunu lesti li naqsmu din l-informazzjoni.

Punt tal-aħħar li se jkun qed jespandi fuqu l-Ministru għall-Affarijeit Barranin li qed tissemma b'mdo persistenti hija r-raġuni għaliex s'issa għadha ma sejħitx l-evakwazzjoni ta' persuni Maltin mil-Libya. Tajjeb li ninforma lil din il-Kamra li aħna ninsabu informati li bil-laqgħat ta' kuljum li qed isiru tal-kapijeit tal-missjoni tal-pajjiżi tal-Unjoni ewropea fi Tripli, hemm ftehim bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea rrappreżentati fil-Libya li ladarba tissejjaħ evakwazzjoni u jekk ikun hemm il-lok ta' evakwazzjoni, l-evakwazzjoni se tkun tal-pajjiżi kollha Ewropej f'daqqa. S'issa, sal-lum, sa qabel il-laqgħa li qed issir bħalissa tal-*heads of mission,* tal-*heads of delegation* tal-pajjiż Ewropej, dan il-ftehim għadu qed jgħodd. Barra minn hekk, irrid ngħid li kull min qed jitlob l-għajnuna beix jitlaq mil-Libya qed jingħata din l-għajnuna. Qegħdin f'sitwazzjoni li, informat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, għandna l-kuntatti u d-dettalji ta' kull persuna li nafu biha Maltija li qiegħda fil-Libya, kull darba li jkun hemm *flight* li fuqu nkunu nistgħu nakkwistaw postijeit, qegħdin ninformaw lil dawn il-persuni u l-perusni, għall-inqas bħala *rule of thumb* ma nsitax ngħid fuq kull persuna speċifika, il-persuni Maltin li għadhom qegħdin fil-Libya s'issa qegħdin hemmhekk, mill-informazzjoni li għandi, *out of their own free will.* Għalissa mhux qed jgħidulna li jridu jiġu lura. Dik l-informazzjoni lig ħandi s'issa min-naħa tal-Ministeru għall-affarijeit Barranin. Grazzi. Sur President.